MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2351/2003

**G.M.F Precast Limited**

**vs**

**Penza Construction Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Novembru 2003 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija u wiehed u sebghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1371.95) rapprezentanti xoghol ta' materjal ghall-kostruzzjoni ossia planki mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici.
Bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datati 4 ta' Novembru 2003 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 2511/03 prezentat kontestwalment mal-Avviz, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija u wiehed u sebghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1371.95), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficcjali datata 4 ta' Novembru 2003 u tal-Maandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment mal-Avviz tat-Talba, ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------